MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 520/2002/1

**Waldorf Car Hire Limited**

**vs**

**Cutrico Services Limitd**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Mejju, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm904 (disa' mija u erba' liri Maltin) rapprezentanti differenza tat-taxxa tar-registrazzjoni pagabbli lill-Awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kirja tal-vettura Fiat Bravo, bin-numru ta'

registrazzjoni AAK-931 lis-socjeta' konvenuta mikrija mis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi Lm6 tal-konsult kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz mhux dovut mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-konsulenti legali tal-partijiet fejn ma jistax ma jigix rilevat l-impenn legali li esprimew l-istess avukati.

Ikkonsidera.

Illi l-kaz in ezami si tratta ta' gbir u hlas ta' taxxa in konnessjoni ma registrar ta' vetturi. Irrizulta li kienet instabet sistema ta' pagament ta' rata anqas minn dik solitament pagabbli billi tintuza procedura ta' 'leasing'. Din il-'loophole' giet skoperta u stronkata b'legislazzjoni gdida applikabbli retroattivament. Hawn si tratta ta' materja fiskali, materja ta' public policy li ghandha jkollha interpretazzjoni stretta minghajr ebda disgwid.

Illi s-socjeta' konvenuta opponiet it-talba ghal hlas billi hija tterminat il-ftehim tal-leasing appena giet informata bl-introduzzjoni ta' din it-taxxa ta' registrazzjoni gdida. Il-punctorum temporis ghaliha kien qabel l-ahhar tas-sena 2001 meta cioe' trid tithallas il-licenzja. It-taxxa kienet tithallas mar-revokar tal-licenzja tat-triq.

Illi meta wiehed jistqarr l-Att X tas-2001, Tielet Skeda, wiehed ma jiskopri l-ebda eccezzjoni. Il-ligi timponi zewg fatturi unici ossia

1. il-vettura tkun registrata ghal skop ta' leasing fil-perjodu 1 ta' Jannar 1998 sa 31 ta' Dicembru 2000.

2. il-pagament irid isir qabel il-hlas tal-licenzji tat-triq li jiskadu fis-sena 2001 u 2002.

Jirrizulta li l-ftehim bejn il-partijiet gie ffirmat fid-19 ta' Frar 1999 b'effett ghal hames snin. Is-socjeta' konvenuta tterminat fil-25 ta' Lulju 2001. Hallset il-penali u ghalhekk ma taqax taht l-effett tar-regolament gdid fuq indikat.

Illi l-legislazzjoni fiskali hija ta' interpretazzjoni stretta u b'applikazzjoni tassattiva. Hija l-istess ligi li taghti l-eccezzjoni, ma tistax tigi presupposta jew inventata. Billi s-socjeta' konvenuta itterminat unilateralment il-ftehim tal-leasing – kif del resto kellha d-dritt taghmel – hallset il-penali, dan hu 'res inter alios acta'. B'dawk il-passi li hadet, ma setghatx tahrab mill-obbligazzjoni taghha verso l-awtoritajiet tal-licenzjar tal-vetturi.

Is-socjeta' attrici kellha thallashom hi minhabba f-rifjut tas-socjeta' konvenuta li qed presenzjalment tirrikavahom minghand is-socjeta' konvenuta, u ghandhom dritt tirrikavahom.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjes skond il-ligi u bl-interessi mid-data tal-prezentata."

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b'din id-decizjoni u minnha appellat bl-ilment illi t-Tribunal ma interpretax fedelment il-ligi, senjatament it-Tielet Skeda ntrodotta bl-Att IX tal-2001 ghall-Att principali ta' l-1994 dwar "Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur". Inter alia hi tikkontendi illi fil-mument tar-rinnovazzjoni ma kienetx l-utenti tal-vettura u allura l-kerrejja ghal finijiet ta' din l-iskeda.

Is-socjeta` attrici wiegbet billi fl-ewwel lok issollevat il-punt tal-improponibilita` tal-appell fit-termini ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap 380 billi fid-decizjoni appellata ma jinsab l-ebda ksur tal-principju ta' l-ekwita`. Dippju, fil-meritu, l-ligi hi cara u giet sewwa applikata mit-Tribunal ghall-kaz in dizamina.

Il-fatti essenzjali tal-kaz jinsabu sew ri-epilogati fis-sentenza mpunjata u ma hemmx ghalfejn jergghu jigu riprodotti. Bizzejjed jigi osservat illi l-kuntratt tal-kiri tal-vettura de quo sehh fid-19 ta' Frar 1999. Li jfisser allura illi din id-data tirrientra fil-parametri tal-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Dicembru 2000 kontemplat fl-iskeda fuq riferita.

Issa apparti l-kostatazzjoni ovvja, minn ezami anke superficjali tas-sentenza appellata, illi din il-Qorti ma tirravviza l-ebda lezjoni tad-dritt ekwitattiv l-meritu ta' dan il-kaz ukoll ma jistax jiggjova lis-socjeta` appellanti kif gja din il-Qorti kellha okkazjoni tesplora u tiddeciedi fil-kawza fl-ismijiet "Waldorf Car Hire Limited –vs- Habitat Limited" (Avviz Numru 159/02) deciza kontestwalment illum. Ghal dak li jiswa ghall-fini ta' l-odjerna kawza l-Qorti taghmel referenza espressa ghall-konsiderazzjonijiet zvolti f'din id-decizjoni u taghmilhom jghoddu wkoll ghall-kaz hawn trattat.

Mil-kumplament, kif gja fuq intqal, gjaladarba hawn si tratta minn appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, din il-Qorti ma ssibx kif dan l-appell jista' jinkwadra ruhu fil-qafas tal-limiti ta' l-inappellabilita` prevvisti mil-ligi. Lanqas ma jidher kif tista' tigi sostnuta l-lanjanza tal-pregudizzju tad-drittijiet derivat mill-gudizzju tat-Tribunal meta dan illimita ruhu ghal konstatazzjoni tal-fatti u tal-applikazzjoni tal-ligi ghal dawn l-istess fatti. Rigwardata anke taht dan l-aspett mhux il-kaz li din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti istanza jibqghu sopportabbli mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------